Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors 62/2016

**Oliver de Giorgio bhala prokuratur specjali tà Imelda Brincat**

**Vs**

**Albert Stagno Navarro**

6 ta' Dicembru, 2016.

Permezz ta' rikors prezentat fit-18 ta' Novembru, 2016 Albert Stagno Navarro talab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza minhabba li pproprona proceduri ta' ritrattazzjoni wara s-sentenza li nghatat minn din il-qorti fil-21 ta' Ottubru, 2016 fl-appell **Oliver de Giorgio nomine vs Albert Stagno Navarro** (31/2010). Ir-rikorrrent isostni li l-ezekuzzjoni tas-sentenza ser twassal sabiex jigi zgumbrat mill-unika residenza u dan ser iwassal ghal pregudizzju ferm aktar milli s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza.

L-intimat nomine wiegeb (5 ta' Dicembru, 2016) li r-rikorrent mhuwiex jabita fil-fond. Inoltre l-pregudizzju li jsofri l-intimat nomine hu ikbar in kwantu ghandu nteress li l-fond jinbiegh sabiex bir-rikavat jithallsu l-ispejjez medici u ta' akkomodazzjoni tal-mandatarja tieghu.

L-Artikolu 823 tal-Kap. 12 jikkontempla l-kazijiet meta l-qorti tista tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza li tintalab ir-ritrattazzjoni taghha. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:

i. Ma jirrizultax li r-rikorrent ta l-garanzija li tissemma f'subinciz (2)(a) tal-Artikolu 823.
ii. Il-qorti mhijiex sodisfatta li jekk tigi ezegwita s-sentenza, il-pregudizzju li jsofri r-rikorrent ser ikun ikbar milli t-twaqqif jikkaguna lill-parti l-ohra, u dan meta tqies li mill-atti tal-kawza 31/2010 irrizulta li Stagno Navarro ilu snin twal li telaq mill-fond 23, Triq Idmejda, Balzan u l-fond jinsab fi stat ta' abbandun totali.

**Ghaldaqstant, tichad it-talba tar-rikorrent ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza. Spejjez a karigu tar-rikorrent**.

Anthony Ellul.